

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL****tat-18 ta' Frar 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj  
dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru**

(2008/192/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

tard, konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/848/KE (2).

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

Billi:

- (1) Permezz ta' Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.
- (2) Il-Kummissjoni nnegożjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru konformement mal-mekkaniżmi u direktivi fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003.
- (3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni eventwalment possibbli tiegħu f'data aktar

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill**Il-President*

D. RUPEL

(1) Opinjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 330, 28.11.2006, p. 18.